**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 233/13**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana u**
**Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Aaron Azzopardi**
**(ID 346183(M))**

**Illum, 11 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Aaron Azzopardi** ta' 29 sena, iben Carmel u Alice nee` Lane, imwieled il-Pieta`, nhar l-1 ta' Lulju 1983, residenti El Paso, Triq il-Furnar, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 346183(M);

Akkużat talli fl-14 ta' April 2013 bejn is-sagħtejn ta' filgħodu (2:00am) u t-tlieta ta' filgħodu (3:00am) ġewwa San Ġiljan u f'dawn il-Gżejjer u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż

Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċikostanzi kellu fil-pussess tiegħu mediċina piskotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3) Kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Marse-Ann Farrugia LL.D. nhar it-12 ta' Marzu 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża;

Semgħet ukoll lill-partijiet fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020, jiddikjaraw illi ma kienx hemm il-ħtieġa li jitrattaw ulterjorment u li kienu qed jistrieħu fuq it-trattazzjoni tagħhom in atti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti illi taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Jirriżulta mix-xhieda tal-**Ispettur Jason Sultana**[1] illi fl-14 ta' April 2013 Uffiċjali tal-Pulizija, inkluż l-istess xhud, kienu qegħdin jagħmlu spezzjonijiet ġewwa Paceville, fosthom ġewwa l-istabbiliment *Purple Room* u hemm lemħu lill-imputat ħdejn il-*bar*, li x'ħin lemaħ lill-pulizija beda jaġixxi b'mod suspettuż. Jgħid illi hu flimkien ma' PS 913, PS 1103 u PS 921 avviċinawh u talbuh sabiex imur magħhom ġewwa t-*toilets*, fejn saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu. Fil-but tal-qalziet instabet borża li kien fiha 19-il pillola ta' kulur ħadrani. L-imputat ġie arrestat, ingħata d-drittijiet tiegħu u ttieħed ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan, fejn saritlu tfittxija oħra fuq il-persuna tiegħu u nstabu mazz ċwievet. Aktar tard l-imputat stess ħa lill-pulizija ġewwa *Hexagon Car Park,* fi Triq Dragonara, San Ġiljan, fejn kien hemm parkeġġjata l-vettura tat-tip Opel Astra bin-numru ta' reġistrazzjoni MAD 017. Mill-istess vettura ġiet elevata borża li kien fiha 79 pillola oħra ta' kulur aħdar. In kontro-eżami, l-istess xhud jgħid illi l-vettura ma kinitx reġistrata fuq l-imputat, iżda fuq terza persuna u li kien l-imputat stess li wera lill-pulizija fejn kienet tinsab din il-vettura. Jgħid ukoll illi l-imputat ġie mixli bir-reat ta' pussess aggravat, fid-dawl tal-ammont ta' pilloli li nstabu fil-pussess tiegħu, inkluż fuq il-persuna tiegħu. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, wara li ngħatat lilu s-solita twissija skont il-liġi u wara li rrifjuta l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu.[2] L-Ispettur Sultana esebixxa żewġ *mobile phones* li nstabu fil-pussess tal-imputat[3], iż-żewġ boroż bil-pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat[4], kif ukoll l-irċevuta tal-oġġetti elevati mill-pussess tal-imputat, liema irċevuta ġiet iffirmatha minnu.[5]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti sabiex jeżamina l-pilloli esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur bħala Dok. JS 1[6], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella mmarkat bħala S/B/300/2013 li ġo fih kien hemm i) *evidence bag* bin-numru S06569703 li kien fiha: i) borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm 79 pillola ta' lewn aħdar; u ii) borża oħra tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm 19 il-pillola ta' lewn aħdar.

Dwar dawn, l-espert ikkonkluda hekk:

> **"(a) Illi fl-estratti meħuda mill-pilloli li ġew analizzati … instabet is-sustanza *3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA).* In-**

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 20 sa 24 tal-proċess.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 7 sa 9 tal-proċess.
[3] Dawn ġew esebiti bħala Dok. JFS.
[4] Dawn ġew esebiti bħala Dok. JFS 1.
[5] Ara a fol. 29 tal-proċess.
[6] Ara l-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2013, a fol. 19 tal-proċess.

**numru total ta' pilloli kien dak ta' 98. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitlu 31 tal-Liġijiet ta' Malta."**[7]

L-espert **Dr. Martin Bajada** maħtur minn din il-Qorti sabiex joħroġ il-kontenut miż-żewġ ċellulari misjuba fil-pussess tal-imputat, ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2015. Minn din ir-relazzjoni, ma tirriżultax informazzjoni relevanti b'rabta mal-akkużi miġjuba kontra l-imputat.[8]

**Ikkunsidrat ukoll**:

Jirriżulta illi l-imputat volontarjament irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva nhar l-14 ta' April 2013 fil-5:25 p.m., wara li kif ingħad, huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel illi ma jeżerċitahx.[9] Fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija u dan stante illi dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. Madankollu, f'dan il-każ, id-difiża mhijiex qegħda tikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, tant illi fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tirreferi għal dak li stqarr l-imputat fl-istess stqarrija sabiex issostni s-sottomissjoni tagħha illi ma nġabitx prova fil-grad li trid il-liġi, li turi illi l-pussess tad-droga da parti tal-imputat kien aggravat. Da parti tagħha, id-difiża ma tikkontestax illi l-imputat kien fil-pussess tal-pilloli *ecstasy* esebiti in atti, iżda ssostni illi dawn kienu ntiżi biss għall-użu personali tiegħu, stante illi dak iż-żmien l-imputat kien jieħu ammont sostanzjali ta' droga.

Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-imputat ġie mwaqqaf mill-pulizija meta dawn dehrilhom illi x'ħin induna bil-presenza tagħhom fl-istabbiliment *Purple Room*, fejn kien jinsab l-istess imputat ħdejn il-*bar*, huwa beda jaġixxi b'mod suspettuż. Jirriżulta wkoll – u m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan min-naħa tad-difiża – illi fuq il-persuna tal-imputat instabu dsatax-il pillola, fil-waqt illi fil-vettura li tagħha huwa kellu ċ-ċwievet fuq il-persuna tiegħu, instabu disgħa u sebgħin pillola oħra. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta wkoll illi dawn il-pilloli – tmienja u disgħin b'kollox – kienu jikkontjenu s-sustanza ***<u>3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)</u>*** u li kienu għalhekk pilloli *ecstasy*.

Sorvolat dan il-punt, għall-fini tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, jeħtieġ illi l-Qorti tiddeċiedi jekk jirriżultax fil-grad rikjest mil-liġi illi l-pussess ta' tali pilloli da

[7] Ara din ir-relazzjoni a fol. 38 *et seq* tal-proċess.
[8] Ara r-relazzjoni esebita a fol. 49 *et seq* tal-proċess.
[9] Ara 'Dikjarazzjoni – Rinunzja għad-dritt tal-parir legali ma' l-avukat' – immarkata bħala Dok. JS2 a fol. 6 tal-proċess.

parti tal-imputat kienx wieħed aggravat, ossia jekk jirriżultawx ċirkostanzi li juru li dawn ma kinux għall-użu esklussiv tiegħu.

Kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

> "Illi dawn il-każijiet mhux l-ewwel darba li jippreżentaw certa diffikolta` biex wieħed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiża għall-użu personali jew biex tiġi spaċċjata. Il-prinċipju regolatur f'dawn il-każijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni w a bazi tal-provi li jinġabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx għall-użu esklussiv (jiġifieri għall-użu biss) tal-pussessur. Prova, ossia ċirkostanza waħda f'dan ir-rigward tista', skond iċ-ċirkostanzi tal-każ tkun biżżejjed."

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**:

> "meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun ċirkostanza li waħedha tkun biżżejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull kaz hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

> " … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment

> wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."

U kif ingħad minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen Abela</u>**, tat-8 ta' April 2005, mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-reat ta' pussess aggravat, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni illi meta tinstab droga f'ammont konsiderevoli, jekk tingħata raġuni għall-presenza qawwija tad-droga li tkun tissodisfa lill-Qorti, allura r-reat ta' pussess aggravat ma jkunx ġie ippruvat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

M'hemm l-ebda dubju illi l-ammont ta' dsatax-il pillola *ecstasy* li nstabu fuq il-persuna tal-imputat ġewwa l-istabbiliment *Purple Room,* mhuwiex ammont ta' pilloli li normalment wieħed jassoċjah ma' użu personali; *multo magis* imbagħad meta fil-vettura li kienet qed tintuża minnu, l-imputat kellu ammont ieħor ta' 79 pilloli, u b'kollox għalhekk 98 pillola *ecstasy.*

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jgħid illi f'dak il-lejl, huwa tela' Paceville waħdu għall-ħabta tal-11.00 p.m. u f'xi ħin daħal fl-istabbiliment *Purple Room* sabiex jieħu *drink.* Ġie mwaqqaf mill-pulizija għall-ħabta tas-2.15 a.m. B'referenza għall-pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tiegħu, huwa jikkonferma li dawn kien ser jikkunsmahom f'lejl wieħed, fil-waqt illi jżid jgħid illi anke l-pilloli li nstabu fil-vettura kienu għall-użu personali tiegħu. Ma kienx ser jikkunsmahom fl-istess lejl, iżda kien ser iżommhom għalih. Jiċħad li huwa kien qed ibiegħ il-pilloli *ecstasy* fl-istabbiliment imsemmi, jgħid illi l-pilloli li kellu fuqu kienu ntiżi għalih u li kien ilu daqxejn jabbuża mid-droga. Jgħid ukoll illi kien juża d-droga fil-*weekend* biss. Mistoqsi għalfejn kellu dak l-ammont konsiderevoli għall-*weekend* wieħed, l-imputat jgħid illi kien xtrahom f'daqqa, kellu ftit fuqu u l-bqija fil-karozza. Xtara l-pilloli bil-prezz ta' €300 biex iservuh għal xahrejn. Kien għadu kif xtrahom u baqa' sejjer bihom Paceville.

Wara li diġa` kienet saret it-trattazzjoni finali da parti tad-difiża (u kif ingħad, il-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti), l-imputat talab illi fl-atti proċesswali tiġi nserita relazzjoni ta' Dr. Edward Curmi, nominat bħala espert fi proċeduri separati quddiem din il-Qorti kontra l-istess imputat, u dan bl-iskop illi huwa jirrelata dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga f'Jannar 2007 u s-sena ta' qabel din id-data (ossia ż-żmien li għalih jirreferu l-proċeduri l-oħrajn), liema relazzjoni l-istess espert rrediġiha fi Frar 2019. Il-Qorti laqgħet din it-talba

u għalhekk vera kopja ta' din ir-relazzjoni tifforma parti mill-atti proċesswali odjerni.[10]

Minn din ir-relazzjoni jirriżulta illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga f'Jannar 2007 u fis-sena ta' qabel u li tali dipendenza kienet waħda gravi u medika. Skont l-istess espert, l-imputat kellu, u fiż-żmien tar-relazzjoni, kien għad għandu problema ta' droga, partikolarment fl-użu tal-*cannabis*, u li maż-żmien għamel użu ta' ċertu *hard drugs* li affetwawlu s-saħħa mentali tiegħu. Skont l-istess relazzjoni, ta' sittax-il sena l-imputat beda jespertimenta mid-droga b'mod partikolari mill-*cannabis* u ta' tmintax-il sena (u għalhekk għall-ħabta tas-sena 2001) beda jmur il-*parties* u jieħu ammont sostanzjali ta' drogi differenti. Dejjem minn dak li qal l-imputat lill-espert, f'lejl kien jesperimenta minn diversi tipi ta' sustanzi lleċiti u skont hu "*f'lejl kellhu il-kapacita' jibla hamsa u ghoxrin pillli ta' l-ecstasy jew hames grammi kokaina*". Għamel żmien fejn kien ikkalma stante li kien qed jistudja biex isir *chef*, iżda meta miet missieru f'xahar nefaq il-wirt kollu fuq drogi u spiċċa b'dejn ta' €70,000. Wara xi żmien daħal f'relazzjoni li damet għaddejja seba' snin u nofs u hawnhekk naqqas ħafna mill-użu tad-droga. Fiż-żmien tar-relazzjoni tal-istess espert, l-imputat kien għadu jagħmel użu biss mill-*cannabis.*

Dwar dan il-Qorti tirrileva illi fil-waqt illi m'għandhiex dubju illi l-imputat kien jagħmel użu mid-droga u illi f'xi żmien huwa kien ukoll dipendenti mill-istess, madankollu ma tistax ma tqisx ukoll illi din ir-relazzjoni kienet qegħda tistħarreġ is-sitwazzjoni tal-imputat b'referenza partikolari għal Jannar tas-sena 2007 u s-sena ta' qabel u minkejja illi tiddeskrivi b'mod ġenerali l-ħajja tal-imputat saż-żmien li fih ġiet redatta l-istess relazzjoni, m'hemm l-ebda indikazzjoni speċifika dwar is-sitwazzjoni tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern.

Illi fil-waqt illi jerġa' jiġi ribadit illi l-Qorti m'għandhiex dubju illi l-imputat kien huwa stess jagħmel użu mid-droga fiż-żmien mertu ta' dan il-każ u m'hemm xejn fl-atti li jikkontradiċi lill-imputat meta jgħid illi huwa kien jagħmel użu mill-pilloli *ecstasy*, jibqa' l-fatt, fil-fehma tagħha, illi l-imputat ma ġabx prova, imqar sal-grad tal-probabbli, sabiex jiġġustifika l-fatt illi fuq il-persuna tiegħu, huwa kellu dsatax-il pillola *ecstasy* ġewwa stabbiliment f'Paceville fil-lejl in kwistjoni. L-ammont ta' 98 pillola, fih inniffsu, huwa ammont eżorbitanti ta' pilloli. Li l-imputat imbagħad kellu dsatax-il pillola minn dawn fuq il-persuna tiegħu lanqas ma huwa faċilment rikonċiljabbli ma' pussess ta' droga għall-użu personali, fiċ-ċirkostanzi tal-każ. L-imputat kien qiegħed ġewwa stabbiliment f'Paceville, meta diġa` kienu saru s-2.15 a.m. fil-mument li ġie arrestat u minkejja li għal xi wħud, inkluż għall-imputat jista' jkun il-każ illi kif jgħidu "*the night was still young*", anke li kieku l-istess imputat kellu jieħu pillola fis-siegħa sad-9.00 a.m. (u l-Qorti

[10] Ara a fol. 108 *et seq* tal-proċess.

hawnhekk qegħda teżeġera) xorta waħda ma ssib l-ebda ġustifikazzjoni għall-fatt illi fuq il-persuna tiegħu, huwa kellu ben dsatax-il pillola. Bħal ma ħalla warajh 79 pillola fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha, l-imputat seta' faċilment iħalli iżjed pilloli warajh u jżomm biss dak l-ammont li kellu bżonn għall-użu tiegħu. Il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid illi huwa kien xtara dawn il-pilloli biex iservuh xahrejn, kif ukoll illi kien jagħmel użu minnhom fil-*weekends* biss, li jfisser allura illi fuq perjodu ta' xahrejn, jekk wieħed iqis ċirka tmien *weekends*, l-imputat akkwista bi tnax-il pillola għal kull *weekend*, li jfisser ukoll allura illi fuqu, f'lejl wieħed, diġa` kellu iżjed pilloli milli kien qed jipprospetta li juża f'*weekend* sħiħ.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, tenut kont mhux biss tal-ammont globali ta' pilloli fil-pussess tal-imputat, iżda anke tal-ammont li kellu l-istess imputat fuq il-persuna tiegħu ġewwa stabbiliment f'Paceville, fis-2.15 a.m., il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata. Dan biss madankollu in kwantu nhar l-14 ta' April 2013 u mhux fix-xhur ta' qabel din id-data, stante li ma tirriżultax prova f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni mbagħad, la darba l-ewwel imputazzjoni tikkontempla r-reat ta' pussess li fi kliem il-liġi stess, kien f'tali ċirkostanzi li "l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati"[11] (sottolinear tal-Qorti), għalkemm ir-reat ta' pussess tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* għall-użu personali qed jitqies bħala ppruvat fuq ammissjoni tal-istess imputat, dan huwa kompriż u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat talli kkommetta r-reat (fl-ewwel imputazzjoni) fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, fit-termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta illi fil-każ odjern, l-imputat instab fil-pussess ta' dsatax-il pillola *ecstasy* ġewwa l-istabbiliment *Purple Room*, f'Paceville. Da parti tagħha, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2014, id-difiża ddikjarat illi ma kienx hemm kontestazzjoni da parti tagħha, illi fil-mument tal-arrest tiegħu, l-imputat kien jinsab f'post li jiffrekwentaw iż-żgħażagħ.[12] Għaldaqstant, anke dan l-aggravju jirriżulta sodisfaċentement ippruvat.

Finalment, permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat ukoll talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' *Probation* imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-12 ta' Marzu 2012.

[11] Ara l-artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.
[12] Ara a fol. 35 tal-proċess.

Il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx kopja legali ta' din is-sentenza. Għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa April 2021, mil-liema jirriżulta illi l-imputat kellu biss skontru wieħed mal-ġustizzja u dan b'rabta ma' pussess tar-raża tal-*cannabis* li jirrisali għas-sena 2006, dwar liema huwa ngħata Ordni ta' *Probation.*

Qieset ukoll in-natura serja tal-ewwel imputazzjoni, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ammont ta' pilloli in kwistjoni, kif ukoll illi stante li l-imputat qed jinstab ħati ta' pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta f'tali ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, kif aggravat bid-distanza, fit-termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31, il-piena tiżdied bi grad.

In oltre qieset ukoll mill-banda l-oħra, illi mir-relazzjoni tal-espert Dr Edward Curmi, jirriżulta illi sas-sena 2019, għalkemm l-imputat ma kienx irrijabilita ruħu għal kollox mill-vizzju tad-droga, madankollu għamel progress in kwantu qata' l-użu ta' ċerti sustanzi u kellu mpjieg stabbli.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Aaron Azzopardi** mhux ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni (in kwantu biss l-14 ta' April 2013 u mhux ix-xhur ta' qabel din id-data), tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena ta' **disa' (9) xhur priġunerija** u **multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut

ossia s-somma ta' mija, wieħed u sebgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€171.34). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.[13]

Tordna d-distruzzjoni tal-mediċina esebita bħala Dok. JFS 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phones* esebiti bħala Dok. JFS favur il-ħati.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[13] Il-Qorti mhijiex qed tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr Martin Bajada, stante illi l-kontenut tar-relazzjoni tiegħu ma nċidietx fuq is-sejbien ta' ħtija tal-ħati.